MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-12 ta' Ġunju, 2020

Appell Inferjuri Numru: 64/2018/1 LM

**Urs Schwinger (K.I. 190489A)**
*(l-appellat)*

***vs.***

1. **Transport Malta; u**
2. **Ministeru għall-Finanzi** *(l-appellant)*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat, hawnhekk "l-appellant", **il-Ministeru tal-Finanzi** minn sentenza [minn issa 'l quddiem "is-sentenza appellata"] tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva [minn issa 'l quddiem "it-Tribunal"] mogħtija fis-16 ta' Lulju, 2019, fejn l-imsemmi Tribunal iddeċieda

billi laqa' t-talbiet tar-rikorrent, hawnhekk "l-appellat" **Urs Schwinger** u ddikjara li:

> *"filwaqt li qiegħed jillibera lil Transport Malta mill-osservanza tal-ġudizzju, jilqa' l-appell interpost mir-rikorrent mid-deċiżjoni tal-Ministru intimat datata 21 ta' Ġunju 2018, jiċħad ir-risposta tal-Ministru intimat u jirrevoka l-imsemmija deċiżjoni.*
>
> *Bl-ispejjeż kontra l-Ministru intimat ħlief għal dawk tal-Awtorità intimata li għandhom jiġu sopportati minnha stess."*

**Fatti**

Il-kwistjoni bejn il-partijiet bdiet wara li r-rikorrent, li huwa ta' nazzjonalità Ġermaniża, emigra mill-Ukraina għal Malta fis-27 ta' April, 2018, u miegħu ġab vettura tal-marka Porsche Cayenne, bin-numru ta' reġistrazzjoni Ukraina AM2500CB. Ir-rikorrent mela u ppreżenta l-formula VEH07 għall-eżenzjoni mit-Taxxa ta' Registrazzjoni, wara li niżżel l-applikazzjoni mill-*website* ta' Transport Malta, fejn kien hemm miktub *"A vehicle is to be declared for exemption not earlier than two months before resident in Malta and not later than twelve months following that date"*. Ir-rikorrent ippreżenta din l-applikazzjoni 37 ġurnata wara li kien sar residenti Malta. Sussegwentement ir-rikorrent irċieva ittra datata 21 ta' Ġunju, 2018 fejn il-Ministeru tal-Finanzi rrifjuta l-applikazzjoni tar-rikorrent għaliex skont l-A.L. 440 tal-2013 l-applikazzjoni kellha ssir entro 30 ġurnata.

## Mertu

3. Permezz ta' talba mressqa fl-10 ta' Lulju, 2018, ir-rikorrent talab lit-Tribunal sabiex jirrevoka id-deċiżjoni tal-intimat Ministeru għall-Finanzi tal-21 ta' Ġunju, 2018 u jordna lill-intimati jilqgħu l-applikazzjoni għal *expemption* a tenur tal-artikolu 19 tal-Kap. 368 tal-Liġijiet ta' Malta.

## Id-Deċiżjoni Appellata

4. Fis-16 ta' Lulju, 2019, it-Tribunal laqa' t-talba tar-rikorrent wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

> *"Bil-proċeduri odjerni r-rikorrenti qiegħed jitlob li dan it-Tribunal jirrevoka d-deċizjoni notifikata lilu b'ittra mibgħuta mit-*Transfer of Residence Exemption Board *(aktar 'l isfel "il-Bord") fi ħdan il-Ministeru għall-Finanzi datata 21 ta' Ġunju 2018 permezz ta' liema ġie mgħarraf bis-segwenti:-*
>
> "Reference is made to your application for an exemption under article 19 of the Motor Vehicle Registration and Licensing Act (Cap. 368) (Transfer of Residence) and Regulation 4 of the Exemption from Motor Vehicle Registration Tax Rule (S.L. 368.01).
>
> Following assessment of your application, it is regretted that this Ministry cannot accede to your request in terms of Legal Notice 440 of 2013 under rule 4 (3) (e) which stipulates that "where the person has transferred his residence to Malta and the vehicle has already arrived in Malta, the application for exemption is to be made within thirty days from the date on which that person had transferred his residence to Malta."
>
> *Ir-rikorrent xehed illi huwa kien xtara l-vettura in kwistjoni tal-għamla Porsche Chayanne Turbo fl-Ukranja u kienet ilha reġistrata fuq ismu minn April 2016. Jispjega illi huwa ttrasferixxa r-residenza tiegħu u tal-familja tiegħu hawn Malta. Huwa spjega li kien ingħata parir mingħand persuna li kien jaf li kellu jagħmel il-VRT*

*tal-vettura qabel jirreġistraha. Għalhekk hu mar jagħmel il-VRT u l-persuna responsabbli minn tali test infurmah li l-pass li jmiss kien li jimla l-formula VEH07. L-istess persuna iddownlowdja l-formula minn fuq il-*computer *tiegħu u tahielu biex jimlieha. Jispjega li fuq il-formula kien hemm imniżżel li seta' japplika għall-eżenzjoni fi żmien tnax-il xahar. Peress illi huwa ried jimla l-formula elettronikament, huwa reġa' fittex il-formula VEH07 minn fuq Google, ippopjatlu l-istess formula li kien tah il-VRT* tester *u għalhekk imliha u pprintjaha. Meta ħa l-istess formula ġewwa l-uffiċini ta' Transport Malta, ġie infurmat illi l-formula li kellu kienet waħda qadima u għalhekk ingħata l-verżjoni aġġornata. Jispjega li fuq din l-aħħar formula kien hemm miktub li trid tiġi sottomessa fi żmien tletin ġurnata minn meta l-vettura tasal Malta jew inkella minn meta huwa rċieva d-dokument ta' residenza. Għalhekk huwa reġa' mela l-formula u staqsa lill-uffiċjal ta' Transport Malta jekk kienx hemm xi problema stante t-termini. L-uffiċjal qaltlu li l-aħjar ikun li jissottometti ż-żewġ formuli u tagħtu parir biex iċempel lil uffiċjal ieħor ta' Transport Malta, liema persuna tagħtu parir biex jibgħat email, liema email huwa bagħat lill-Ministeru intimat b'kopja ta' clip li juri kif huwa kien iddownlowdja l-formula. Madankollu xi gimgħat wara huwa rċieva d-deċiżjoni li l-applikazzjoni tiegħu għall-eżenzjoni kienet ġiet rifjutata peress li kienet ġiet sottomessa wara tletin ġurnata.*

*In kontro-eżami r-rikorrent xehed illi meta huwa kien staqsa lil Transport Malta informazzjoni dwar kif seta' jirreġistra l-vettura tiegħu, huwa ġie dirett biex ifittex il-formula VEH07 u fil-fatt huwa sabha fuq is-*server *ta' Transport Malta. Jispjega illi huwa qatt ma seta' jkun jaf illi kienu jezistu zewg verżjonijiet tal-istess formula.*

*Francis Attard, Ċermen tal-Bord, spjega illi l-applikazzjoni in kwistjoni ġiet rifjutata peress li ġiet sottomessa iktar minn tletin ġurnata mid-data li l-applikant iddikjara li ttrasferixxa r-residenza tiegħu f'Malta. Jispjega li hu ma kienx jaf li kien hemm xi formuli li kienu jindikaw perijodu itwal entro liema wieħed seta' jissottometti l-applikazzjoni tieghu. Meta muri l-applikazzjoni li oriġinarjament mela l-applikant, huwa spjega illi dak it-terminu veru jeżisti però hemm terminu ieħor, li huwa indikat b'mod ċar fl-applikazzjonijiet iktar riċenti, illi jiskatta t-terminu tat-tletin ġurnata.*

*Ikkunsidra:*

*Illi qabel dan it-Tribunal jidħol fil-mertu tal-kwistjoni se jeżamina l-ewwel eċċezzjoni imqajjma minn Transport Malta u ċioé li hi mhix il-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri stante li ma kellha l-ebda sehem fid-deċiżjoni appellata.*

*Illi t-Tribunal jirrileva illi huwa ċar li l-Awtorità għat-Trasport f'Malta u l-Ministeru tal-Finanzi huma żewġ entitajiet separati u distinti minn xulxin. L-entità li skont il-Liġi hija mgħonija bil-poter li takkorda l-eżenzjoni mit-taxxa tar-reġistrazzjoni ta' vetturi huwa l-Ministru għall-Finanzi, liema poter ġie delegat lit-*Transfer of Residence Exemption Board *permezz ta' artikolu 19 (2) (d) tal-Kapitolu 368 tal-Liġijiet ta' Malta u Regolament 10 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.01. L-Awtorità għat-Trasport f'Malta m'għandha l-ebda poter tiddeċiedi jekk vettura tikkwalifikax jew le għall-eżenzjoni, però l-istess Awtorità trid timxi abbażi ta' dak deċiż mill-imsemmi Bord. Għaldaqstant, dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-Awtorità intimata għandha raġun fl-ewwel eċċezzjoni tagħha u għalhekk se jilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju. Illi però, dan it-Tribunal ma jistax ma jirrilevax illi s-sit elettroniku tal-Awtorità intimata fiż-żmien li fih ġiet iddownlowdjata l-formula mir-rikorrent kellu nformazzjoni li kienet inbidlet u li r-rikorrent sar jaf biss bil-bidla meta huwa kien fil-punt li se jissottometti l-istess applikazzjoni. Dan kollu ta lok ghal dan l-appell. Minn riċerka li għamel dan it-Tribunal jirriżulta li llum il-ġurnata il-verżjoni l-antika tneħħiet, anke meta wieħed ifittex bil-Google. Kwindi it-Tribunal iħoss li Transport Malta naqset meta ħalliet verżjoni antika tal-imsemmija formula fuq is-sit elettroniku tagħha, liema verżjoni kienet tikkontjeni informazzjoni li kienet ta' preġudizzju għall-applikanti u għalhekk għandha tbati l-ispejjeż tagħha f'dawn il-proċeduri.*

*Illi sorvolata l-ewwel eċċezzjoni ta' Transport Malta, it-Tribunal se jidħol issa fil-mertu ta' dan l-appell.*

*Fis-6 ta' Ġunju 2018, ir-rikorrent avvanza talba sabiex jiġi eżentat mill-ħlas ta' taxxa ta' reġistrazzjoni fuq il-vettura tal-għamla Porsche Cayenne Turbo bin-numru ta' Reġistrazzjoni AM2500ĊB a tenur tal-Artikolu 19 tal-Kapitolu 368 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda, b'ittra datata 21 ta' Ġunju 2018 gie infurmat li t-talba tiegħu ġiet miċħuda stante li l-applikazzjoni għall-eżenzjoni ma saritx fi żmien tletin ġurnata minn* [meta] *huwa ttrasferixxa r-residenza tiegħu hawn Malta.*

*Wara din id-deċiżjoni r-rikorrent ippreżenta l-appell odjern peress li rrileva li wara li dan it-terminu ma kienx indikat fl-applikazzjoni li huwa niżżel minn fuq is-sit elettroniku tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, iżda t-terminu muri fl-istess applikazzjoni kien ferm itwal u li kien għalhekk li huwa ma ssottomettiex l-applikazzjoni fi żmien tletin ġurnata.*

*Illi d-difiża tal-Ministeru intimat iddur mal-fatt illi r-rikorrenti m'applikax għall-eżenzjoni in kwistjoni entro t-tletin ġurnata minn meta huwa ħa r-residenza tiegħu*

*hawn Malta u dan wara li l-Bord mexa fuq l-applikazzjoni tal-formola l-ġdida, minkejja li r-rikorrenti issottometta kemm il-ġdida u kemm l-antika.*

*Illi l-eżenzjoni tat-taxxa ta' reġistrazzjoni ta' vetturi hija regolata prinċipalment mill-Kapitolu 368 u mil-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.01.*

*Illi f'artikolu 19 (3) (f) tal-Kap 368 insibu illi:*

*"Il-vetturi bil-mutur li ġejjin għandhom, meta jiġu reġistrati mal-Awtorità, ikunu eżentati mill-ħlas tat-taxxa ta' reġistrazzjoni:*

*Vettura bil-mutur M1 jew ċiċkletta li tkun proprjetà personali ta' individwu privat u li tkun qiegħda tinġieb b'mod permanenti f'Malta mill-individwu meta huwa jkun qiegħed jitrasferixxi r-residenza normali tiegħu minn post barra minn Malta għal post f'Malta, iżda l-eżenzjoni tingħata kemm-il darba dik il-vettura tikkwalifika għal eżenzjoni bħal dik. L-imsemmija eżenzjoni tingħata taħt dawk il-kondizzjonijiet, restrizzjonijiet jew limitazzjonijiet magħmula mill-Ministru responsabbli għall-finanzi."*

*Illi mbagħad fir-Regolament 4 (3) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01, kif applikabbli fiż-żmien in eżami u ċioe kif regolat b'Avviż Legali 6 tal-2012, kien jgħid is-segwenti:-*

*"(3) Biex vettura tkun tista' tikkwalifika għal eżenzjoni taħt is-subregola (1) –*

*(a) hija trid tkun ilha reġistrata f'isem l-individwu li jkun qiegħed jittrasferixxi r-residenza normali tiegħu għal perijodu ta' mhux inqas minn erbgħa u għoxrin xahar minnufih qabel id-data tat-trasferiment tar-residenza tiegħu għal Malta u tkun għadha hekk reġistrata meta l-vettura tiġi mpurtata jew miġjuba f'Malta;*

*(b) hija tkun ġiet akkwistata taħt il-kondizzjonijiet ġenerali tat-tassazzjoni li jkunu fis-seħħ fis-suq domestiku tal-Istat li minnu tkun qiegħda tiġi impurtata jew miġjuba f'Malta, u ma tkunx soġġetta għall-fatt li tkun ser tiġi esportata għal xi eżenzjoni minn jew rifużjoni ta' dazju tas-sisa, taxxa ta' valur miżjud jew xi taxxa oħra ta' konsum;*

*(ċ) il-persuna li tkun qiegħda tapplika għall-eżenzjoni trid tkun ilha tgħix barra minn Malta għal perijodu kontinwu ta' għallinqas erbgħa u għoxrin xahar minnufih qabel id-data li fiha hija ma tibqax ikollha r-residenza normali tagħha barra minn Malta;*

*(d) l-applikazzjoni biex il-vettura tiġi eżentata ssir mhux aktar kmieni minn xahrejn qabel id-data li fiha l-applikant jieħu r-residenza normali tiegħu f'Malta u mhux aktar tard minn tnax-il xahar wara dik id-data; u*

*(e) jekk il-vettura tkun diġà waslet f'Malta, l-applikazzjoni għall-eżenzjoni għandha ssir fuq il-formola preskritta mill-persuna li tkun qiegħda tittrasferixxi r-residenza tagħha fi żmien tletin ġurnata minn meta l-vettura tkun waslet Malta."*

*Illi ma hemmx kontestazzjoni illi l-għamla ta' vettura mertu tar-rikors in kwistjoni hija vettura bil-mutur tat-tip M1. Illi mill-provi jirriżulta wkoll is-segwenti:-*

1. *Illi r-rikorrent wasal Malta fl-1 ta' Diċembru 2017;*
2. *Huwa ddikjara li ttrasferixxa r-residenza tiegħu lejn Malta fis-27 ta' April 2018;*
3. *Illi l-vettura waslet f'Malta fis-26 ta' Marzu 2018;*
4. *Huwa applika għall-eżenzjoni mit-taxxa ta' reġistrazzjoni fis-6 ta' Ġunju 2018.*

*Illi għalhekk ladarba l-vettura kienet waslet hawn Malta u r-rikorrent ddikjara li ttrasferixxa r-residenza tiegħu hawn Malta fis-27 ta' April 2018, skatta t-terminu ta' tletin ġurnata entro liema r-rikorrenti kien obbligat japplika għall-eżenzjoni ai termini tar-Regolament 4 (e) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.01.*

*Illi madankollu, dan it-Tribunal ma jistax jiddikjara biss li kien skada dan it-terminu u jieqaf hemm għaliex f'dan il-każ ir-retroxena għas-sottomissjoni tal-applikazzjoni da parti tar-rikorrent hija bil-wisq importanti.*

*Illi minn ħarsa lejn il-formula VEH 07 li r-rikorrent niżżel minn fuq is-sit elettroniku ta' Transport Malta, liema formula hija l-applikazzjoni għall-eżenzjoni tat-taxxa tal-vetturi miġjuba Malta minn persuni li stabilixxew ir-residenza tagħhom hawn Malta, jirriżulta li hemm sezzjoni intitolata* "Information on Applicability"*. Fost din l-informazzjoni hemm imniżżel is-segwenti:-*

"A vehicle is to be declared for exemption not earlier than two months before the date on which applicant becomes normally resident in Malta and not later then twelve months following that date."

*Dan huwa l-uniku terminu li kien jitniżżel fl-imsemmija formula fir-rigward ta' meta għandha tiġi sottomessa l-applikazzjoni għall-eżenzjoni mit-taxxa ta' reġistrazzjoni. Madankollu, kif ġia ingħad iktar 'il fuq, kien hemm terminu ieħor, li għal xi raġuni li jafuha biss l-Awtoritajiet konċernati, ma kienx qiegħed jiġi msemmi u indikat fil-formula VEH 07 l-antika, u dan kien proprju it-terminu, bil-wisq iqsar, ta' tletin ġurnata minn meta l-applikant jittrasferixxi r-residenza tiegħu hawn Malta jekk il-vettura tkun diġà waslet hawn Malta.*

*Illi jirriżulta illi fl-istess żmien li r-rikorent niżżel il-formula in kwisjtoni, Transport Malta kienet ippubblikat formula oħra, fejn issa dan it-terminu ta' tletin ġurnata*

*kien qiegħed imniżżel. Tant hu hekk li meta r-rikorrent mar biex japplika huwa reġa' mela l-applikazzjoni fil-verżjoni l-ġdida tagħha. Iktar minn hekk huwa bagħat emejl spjegattiva lill-Ministeru intimat, liema emejl jirriżulta li ġiet a konoxxenza ukoll tas-Sur Francis Attard, Ċermen tal-Bord (Dokument A a fol. 53).*

*Illi ghalhekk jirriżulta illi meta l-Bord ġie biex jeżamina din l-applikazzjoni, huwa kellu spjega mir-rikorrenti bir-raġuni għaliex huwa kien issottometta l-applikazzjoni tiegħu oltre t-terminu ta' tletin ġurnata. Jirriżulta però li l-Bord ma ħax dan il-fatt in konsiderazzjoni tant li fir-risposta tiegħu il-Ministeru intimat qal li mexa fuq il-verżjoni tal-formola tal-applikazzjoni l-ġdida li hija l-verżjoni t-tajba.*

*Illi t-Tribunal ma jsibx illi wara li r-rikorrent kien ta spjegazzjoni plawsibbli x'wasslu biex issottometta l-applikazzjoni l-antika, il-Bord kellu sempliċement jinjora x'ġara u jimxi fuq il-formola tal-applikazzjoni l-ġdida. It-Tribunal huwa tal-fehma illi dan huwa każ ġenwin fejn ir-rikorrenti ġie żgwidat minn nuqqas ta' entità oħra (Transport Malta) li ħalliet formula antika disponibbli fuq is-sit elettroniku tagħha meta wieħed jagħmel tfittxija għaliha. Fl-opinjoni tat-Tribunal, għalkemm l-applikazzjoni tar-rikorrent kienet daħlet oltre t-tletin ġurnata minn meta huwa ħa r-residenza tiegħu hawn Malta, dan kien biss dovut għal nuqqas ta' informazzjoni vitali fl-applikazzjoni l-antika, liema applikazzjoni Transport Malta ħasset li kellha tibdel anke wara li nġibdet l-attenzjoni f'sentenzi preċedenti minn dan it-Tribunal li kienet qiegħda tigżwida lill-applikanti dwar it-termini, ferm iktar qosra, li jeżistu fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.01 u dan għaliex jekk awtorità tagħżel li tagħti informazzjoni, din għandha tagħtiha korretta u b'mod sħiħ.*

*Illi għalhekk it-Tribunal se jkun qiegħed jirrevoka d-deċiżjoni appellata mhux tant għaliex mhix legalment korretta imma għaliex in vista tal-informazzjoni li kellu quddiemu l-Bord, biż-żewġ verżjonijiet tal-applikazzjoni u bl-emejl spjegattiva tar-rikorrent, kellu jagħti iktar piż liċ-ċirkostanzi li sab ruħu fihom ir-rikorrent tort ta' nuqqas ta' awtorità governattiva oħra.*

*Ghaldaqstant ikun għaqli li l-Bord jerġa' jirrikonsidra l-applikazzjoni tar-rikorrenti fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq."*

## <u>Ir-Rikors tal-Appell</u>

5. L-appellant Ministeru għall-Finanzi ppreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fit-2 ta' Awwissu, 2019, fejn talab lil din il-Qorti illi:

*"tilqa' l-aggravju tal-appellant u konsegwentement tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija mit-Tribunal u tagħti d-direttivi kollha li jidhrilha xierqa u neċessarji bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat."*

Filwaqt li jgħid li jħoss ruħhu aggravat bis-sentenza appellata, l-appellant ressaq għall-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti l-uniku aggravju ta' dan l-appell li huwa bbażat fuq il-fatt illi t-Tribunal, għalkemm ikkonferma li d-deċiżjoni tat-*Transfer of Residence Exemption Board* (aktar 'l isfel "il-Bord") hija legalment korretta, huwa xorta waħda ddeċieda li l-Bord għandu jerġa' jikkunsidra mill-ġdid l-applikazzjoni tar-rikorrent, u dan għaliex il-Bord kien fid-dmir li jikkunsidra r-retroxena tal-proċess ta' meta r-rikorrent mar japplika.

6. L-appellant jgħid li ma jaqbilx mad-deċiżjoni tal-Bord għax dan m'għandu l-ebda diskrezzjoni li jidħol fir-retroxena tal-każ. L-appellant jgħid l-Bord għandu mandat ċar bil-liġi mogħti lilu permezz ta' Leġiżlazzjoni Sussidjarja 368.01 li jillimita lill-Bord li jiddeċiedi jekk l-applikant ikunx issodisfa l-kriterji kollha elenkati bil-liġi.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

7. Fir-risposta tal-appell tiegħu, l-appellat isostni li s-sentenza tat-Tribunal hija ġusta u timmerita li tiġi kkonfermata stante li sabiex isir apprezzament ġust tal-każ odjern, it-Tribunal huwa obbligat jieħu inkonsiderazzjoni kemm il-punti ta' liġi, kif ukoll tal-fatti tal-każ, kif fil-fatt sar meta t-Tribunal ħa konjizzjoni tar-retroxena tal-proċess ta' meta r-rikorrent mar japplika.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-uniku aggravju tal-appellant, flimkien mar-risposta tal-appellat, u dan fid-dawl ta' dak li kkunsidra u ddeċieda t-Tribunal.

*L-uniku aggravju:* *it-Tribunal kellu japplika l-liġi u ma kellu l-ebda diskrezzjoni li jidħol fir-retroxena tal-każ.*

9. L-appellant jispjega dan l-uniku aggravju tiegħu billi jgħid li l-Bord m'għandu l-ebda diskrezzjoni *ai termini* tar-regoli 4(4) u 4 (3)(e) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 386.01 biex jiddeċiedi fuq applikazzjoni, imma huwa obbligat bil-liġi li jirrifjuta applikazzjoni li ma tissodisfax ir-rekwiżiti tal-istess regoli. L-appellant jgħid ukoll li anki li kieku l-Bord kellu xi mandat biex jidħol fir-retroxena tal-każ, xorta waħda jibqa' l-fatt li l-Bord m'għandu x'jaqsam xejn max-xogħol li tagħmel Transport Malta. L-appellant jgħid li fi kwalunkwe każ mhuwiex minnu li fuq is-sit elettroniku ta' Transport Malta hemm jew kien hemm xi informazzjoni żbaljata. Jgħid li r-rikorrent kien fittex fuq is-sit elettroniku 'Google', fejn hemm ħafna informazzjoni li mhux kollha hija tajba u rilevanti. L-appellant jgħid li kieku r-rikorrent tabilħaqq mar fuq is-sit elettroniku ta' Transport Malta, kien isib il-formola t-tajba. L-appellant jgħid ukoll li t-Tribunal ma kienx korrett meta qal li fl-istess żmien li r-rikorrent niżżel il-formola, li inżertat li kienet il-verżjoni l-antika, Transport Malta ippubblikat formola oħra fuq is-sit tagħha, li kienet tinkludi informazzjoni ġdida li fil-qadima ma kienx hemm. L-appellant isostni li r-rikorrent ma ġab l-ebda prova

li xi impjegat ta' Transport Malta jew tal-Ministeru għall-Finanzi tah xi informazzjoni ħażina.

10. L-appellat min-naħa tiegħu jikkontendi li r-raġuni għalfejn ma applikax fi żmien tletin (30) ġurnata minn meta huwa ttrasferixxa r-residenza tiegħu f'Malta kif rikjest, kienet għax huwa ġie żvijjat minn Transport Malta peress li din kienet ippubblikat fuq il-*website* tagħha formola b'informazzjoni ħażina u żbaljata u differenti minn kif inhuwa stipulat fil-liġi. Jgħid illi l-formola VEH07 li kiseb l-appellat mis-sit elettroniku ta' Transport Malta kienet tipprovdi li l-formola għall-eżenzjoni tal-vettura kellha tiġi ppreżentata mhux aktar kmieni minn xahrejn minn meta l-applikant ikun ittrasferixxa r-residenza tiegħu f'Malta u mhux aktar tard minn sena minn meta jkun sar resident. L-appellat jgħid li n-nuqqas fid-dover ta' Transport Malta għal amministrazzjoni tajba fir-rigward tiegħu, wassal biex l-appellat ġie żgwidat dwar it-terminu li fih kellu jissottometti l-applikazzjoni għall-eżenzjoni. Jispjega li għalkemm l-appellat kellu jippreżenta l-formola fi żmien tletin (30) ġurnata, dan m'għamlux minħabba n-negliġenza ta' Transport Malta, li ma ħaditx ħsieb li tneħħi l-formola żbaljata minn fuq il-*website* tagħha. L-appellant isostni li għalkemm ir-regola 4(6) tal-L.S. 368.01 kien jobbliga lill-appellat sabiex jippreżenta l-applikazzjoni lil Transport Malta fuq il-formola xierqa, dan l-obbligu ma setax jitwettaq mill-appellat peress li dan l-obbligu seta' jiġi onorat biss jekk Transport Malta tipprovdi aċċess għall-formola korretta. Jgħid li Transport Malta marret kontra l-prinċipji tal-kontabbilità u fiduċja kif sanċiti bl-artikoli 3 u 4 tal-Kap. 595 tal-Liġijiet ta' Malta, billi l-appellat ġie ppreġudikat minħabba

l-informazzjoni żbaljata li pprovdiet Transport Malta fuq is-sit elettroniku tagħha. L-appellat jispjega li meta fittex fuq is-sit elettroniku 'Google', din wasslitu għall-*website* uffiċjali ta' Transport Malta, minn fejn niżżel l-formola żbaljata. L-appellat qal li kieku din il-formola tabilħaqq tneħħiet minn fuq il-*website* uffiċjali ta' Transport Malta, din ma kinitx tkun iżjed aċċessibbli minn fuq l-istess sit, anki meta r-riċerka inizjali tkun saret minn fuq il-'Google'. Barra minn hekk l-appellat jagħmel riferiment għal dik il-part tas-sentenza appellata fejn it-Tribunal jgħid li għalkemm l-applikazzjoni tar-rikorrent kienet daħlet oltre t-tletin ġurnata minn meta huwa ħa r-residenza tiegħu hawn Malta, dan kien biss dovut għal nuqqas ta' informazzjoni vitali fl-applikazzjoni l-antika, liema applikazzjoni Transport Malta ħasset li kellha tibdel anke wara li nġibdet l-attenzjoni f'sentenzi preċedenti minn dan it-Tribunal li kienet qiegħda tigżwida lill-applikanti dwar it-termini, ferm iktar qosra, li jeżistu fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.01 u dan għaliex jekk awtorità tagħżel li tagħti informazzjoni, din għandha tagħtiha korretta u b'mod sħiħ.

Il-Qorti wara li kkunsidrat il-provi kollha prodotti quddiem it-Tribunal, tqis l-qofol tal-kwistjoni kollha bejn il-partijiet f'din il-vertenza hija rigward meta eżattament Transport Malta neħħiet l-formola antika minn fuq il-website tagħha u tellgħet minflok il-formola l-ġdida. Il-fatti l-oħra tal-każ mhumiex ikkontestati, għajr għal dan il-punt. L-appellat Urs Schwinger fl-*affidavit* tiegħu[1] jgħid bil-ġurament tiegħu:

> *"[a]lthough the person from the VRT gave me the VEH07 form, I wanted to find the form myself in order to fill in the details in my computer and not present it with my*

[1] *A fol.* 52 tal-atti tal-kawża quddiem it-Tribunal.

> *handwriting. I went on Google and typed in "VEC07 form Malta" and the form popped up, exactly as the form as the VRT person had given me. The server is of Transport Malta and precisely* http://www.transport.gov.mt/admin/uploads/media-library/files/VEH%2007.pdf. *I filled in the form on my computer and printed it out."*

Min-naħa tagħhom l-uniku xhud li pproduċew l-intimati kien Francis Attard, *chairman* tat-*Transfer of Residence Exemption Board*[2], li qal li ma kienx jaf jekk kienx hemm formoli antiki fuq il-*website* ta' Transport Malta. Francis Attard qal ukoll li huwa mhuwiex infurmat jekk issir *search* fuq 'Google' għal 'form VEC07', titlax il-formola l-antika. Il-Qorti tqis li l-intimati, meta ġew rinfaċċjati bid-dikjarazzjoni ġuramentata tal-appellat, ma ressqu l-ebda prova kuntrarja f'dan ir-rigward. Il-Qorti hija tal-fehma illi l-aqwa prova li kellhom iressqu l-intimati f'dan ir-rigward, kellha tkun ix-xhieda teknika ta' min jamministra l-*website* ta' Transport Malta biex tiġi stabbilita b'mod preċiż id-data ta' meta tneħħiet il-fomola l-antika u tqiegħdet minflokha l-formola l-ġdida. Fin-nuqqas ta' dan, il-Qorti tagħżel li tistrieħ fuq id-dikjarazzjoni ġuramentata tal-appellat u twarrab is-sottomissjoni mhux ġuramentata li saret f'dan is-sens mill-appellant. Il-Qorti lanqas taqbel mas-sottomissjoni tal-appellant li l-Bord m'għandu x'jaqsam xejn max-xogħol li tagħmel Transport Malta u mal-informazzjoni li tkun disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit elettroniku tagħha. Kemm l-appellant, kif ukoll il-Bord li huwa estensjoni tiegħu, kienu fid-dover li jiżguraw li l-informazzjoni li kienet disponibbli għall-pubbliku dwar skema amministrata minnhom, rigward eżenzjonijiet mit-Taxxa ta' Reġistrazzjoni fuq vetturi ta' persuni li jsiru residenti f'Malta, partikolarment l-informazzjoni li kienet aċċessibbli minn fuq il-*website* ta' Transport Malta, li hija wkoll parti

[2] *A fol.* 65 tal-atti tal-kawża quddiem it-Tribunal.

integrali mill-amministrazzjoni pubblika, kellha tkun għalkollox korretta u aġġornata. L-appellat kellu raġun jilmenta li minħabba l-informazzjoni żbaljata u mhux aġġornata li kien hemm fuq il-*website* ta' Transport Malta fil-mument li ġie biex japplika għall-eżenzjoni, huwa ġie żvijjat u spiċċa mċaħħad mid-drittijiet tiegħu.

Il-Qorti tirrileva wkoll li ma ntqal xejn mill-appellant, la fir-rikors tal-appell u lanqas fis-sottomissjonijiet finali tiegħu, dwar dak li ntqal mit-Tribunal fis-sentenza appellata, li f'sentenzi preċedenti tiegħu it-Tribunal kien ġibed l-attenzjoni ta' Transport Malta li l-applikazzjoni l-antika kienet qiegħda tiżgwida lill-applikanti dwar it-termini li jeżistu fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.01. Din il-Qorti taqbel mat-Tribunal illi jekk awtorità tagħżel li tagħti informazzjoni, din għandha tagħtiha b'mod korrett u sħiħ.

Għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti tqis li l-aggravju tal-appellant mhux wieħed mistħoqq u għalhekk sejra tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-ragunijiet premessi, il-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell billi tiċħdu filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu kif deċiżi, u dawk tal-appell odjern ikunu a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**